L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 16 ta' April 2018 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex il-kandidati jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw **TLIET** temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu **WAĦDA** minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mas-suġġett **(Total: 4 marki)**

N.B.: L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. L-Espressjoni

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza **(Total: 6 marki)**

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-kandidati jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

1. **Il-kampanji għall-ġbir ta' flus f'Malta**

- Matul is-sena jsiru diversi kampanji għall-ġbir tal-flus f'Malta. Semmi xi wħud minnhom u għid għaliex isiru.
  - L-Istrina
  - Puttinu Cares
  - Id-Dar tal-Providenza
  - Il-Missjonijiet
  - ALS
  - Partiti Politiċi
- Taħseb li jsiru wisq minn dawn l-attivitajiet?
  - Le, hawn ħafna bżonnijiet.
  - Iva, il-Maltin ma jifilħux daqshekk ġbir.
- L-Istrina l-iktar li jinġabru flus fiha. Għaliex taħseb li jiġri hekk? Jintlaħqu ħafna għaqdiet u skopijiet, immexxija mill-President ta' Malta, tgħin ħafna nies li ma jifilħux għal spejjeż ta' mard.
- Taħseb li l-Istrina tolqot ħażin xi organizzazzjonijiet żgħar? Għaliex?
- Taħseb li l-midja għandha sehem importanti f'dawn il-kampanji? Għaliex?
- Għaliex taħseb li l-Maltin jikkontribwixxu daqshekk f'dawn il-kampanji?
  - għax huma tassew altruwisti u ġenerużi;
  - għax ħafna kawżi jmissulhom qalbhom;
  - biex iserrħu l-kuxjenza;
  - għax jistgħu xi darba jiġu fil-bżonn huma stess;
  - biex jidher isimhom fuq xi plakka.
- Ħafna mill-Maltin jagħżlu għaqda minn oħra. Għaliex? Kwistjoni ta' fiduċja, għax midjunin lejn għaqda partikolari, għax tiġihom ħasra minn għaqda iktar minn oħra.
- Taqbel mal-kampanji ta' ġbir ta' flus għall-partiti politiċi? Għaliex?

2. **L-użu tal-Facebook fost il-Maltin: bżonjuż, ħela ta' ħin jew abbużiv?**

- Kemm taħseb li hu popolari l-Facebook fost il-Maltin?
- Ma' min taħseb li hu popolari l-aktar?
  Żgħażagħ, anzjani, irġiel, nisa, nies tan-negozju, nies li għandhom livell ta' edukazzjoni għoli...
- Għal xiex jintuża l-aktar il-Facebook?
  Biex nagħmlu ħbieb ġodda, biex nuru x'nafu, biex naqsmu l-ideat tagħna mal-oħrajn, biex nitgħallmu jew ngħallmu ħwejjeġ ġodda, biex ngħaddu ż-żmien, biex ngħaddu messaġġi sbieħ u pożittivi bejnietna, biex insiru nafu l-aħħar aħbarijiet, biex niksbu xi tagħrif li għandna bżonn...
- Taħseb li l-Facebook jista' jkun ta' ħsara? Kif u għaliex?
  Kummenti ta' natura personali indirizzati lejn persuni oħra, insulti, kummenti ta' disprezz lejn politiċi, kliem baxx jew doppju sens...
- Mill-Facebook jistgħu jiffurmaw gruppi bħal: laqgħat bejn persuni li darba kienu l-iskola flimkien, dilettanti tal-festa, gruppi li jsuqu l-muturi, partitarji ta' tim tal-futbol partikolari. X'għid jistgħu jħallu dawn il-gruppi?
- Xi nies jaqsmu affarijiet personali fuq il-Facebook. Sa fejn għandhom jaslu? X'inhuma dawk l-affarijiet li wieħed m'għandux jaqsam ma' ħaddieħor?

- Għaliex taħseb li hemm nies li ma jridux jafu bil-Facebook?
  - jarawh ħaġa vojta u ħela ta' ħin;
  - jibżgħu minn xi kummenti li jsiru fuqu;
  - tidħol wisq il-politika;
  - għandhom perċezzjoni ħażina tiegħu.
- Taħseb li l-Facebook qed itellifna minn attivitajiet oħra li jiswewlna aktar ta' ġid f'ħajjitna? Tista' tagħti xi eżempji?
- Kif taħseb li nistgħu nilħqu l-aħjar bilanċ bejn l-użu tal-Facebook u l-attivitajiet l-oħra f'ħajjitna?
- Timmaġinak tgħix mingħajr Facebook? Għaliex?

3. **Il-ħarsien tar-regolamenti tas-sewqan fost il-Maltin**

- Kemm taħseb li l-Maltin iħarsu r-regolamenti tas-sewqan fit-toroq? Għaliex taħseb hekk?
- Liema regolamenti tas-sewqan taħseb li jinkisru l-aktar mill-Maltin?
  - sewqan eċċessiv;
  - ipparkjar bl-addoċċ;
  - l-użu tal-mowbajl waqt is-sewqan;
  - sewqan taħt l-influwenza tal-alkoħol;
  - sinjali tat-traffiku injorati.
- Minkejja l-multi li jeħlu, għaliex taħseb li diversi persuni jkomplu jiksru r-regolamenti?
  - ma jagħtux kas tal-multa;
  - jissugraw min-nuqqas ta' preżenza ta' pulizija jew *warden*;
  - m'hawnx wisq fejn tipparkja;
  - għax huma indixxiplinati;
  - jippreferu jħallsu l-multa u jinqdew.
- Is-sinjali tat-traffiku huma ta' għajnuna u ċari biżżejjed biex jitħarsu r-regolamenti?
- Taħseb li meta jsir inċident, it-tort ikun dejjem tas-sewwieq? Għaliex?
- X'jidhirlek mis-sistema ta' punti ta' penalità li kienet introdotta dan l-aħħar? Kellna bżonnha?
  - Iva, għax il-multi mhux effettivi u forsi l-Maltin isiru aktar dixxiplinati fit-toroq.
  - Le, għax jista' jkun li l-Maltin xorta mhux se jagħtu kasha minħabba li mhumiex dixxiplinati.
- Taħseb li, kif inhi s-sistema, il-punti jistgħu jintlaħqu malajr? Taħseb li titlef liċenzja għal sena hi iebsa?
- Hemm informazzjoni biżżejjed fuq is-sistema?
- Hemm mod kif tista' tkun iktar pożittiva? Kif? Pereżempju, jingħataw punti żejda lil min ma jkollu l-ebda punt ta' penalità f'sena.
- Taħseb li hemm modi oħra ta' kif is-sewwieqa Maltin jitgħallmu jħarsu iktar ir-regolamenti tat-traffiku?

4. **Il-Faqar f'pajjiżna: kemm hu reali?**

- Jeżistu foqra f'pajjiżna? Jekk iva, x'taħseb li hija r-raġuni li twassal għal dan?
  - paga ma twassalx;
  - pensjoni baxxa;
  - familji kbar;
  - familji mfarrka;
  - nies qiegħda;
  - kwistjoni ta' għażż;
  - problemi ta' mard fit-tul.
- Skont l-istatistiċi tal-gvern il-faqar naqas, filwaqt li l-Caritas tgħid li l-faqar żdied. Inti x'taħseb? Il-pagi għolew u għalhekk il-livell tal-għajxien ta' ħafna Maltin għola; hemm oħrajn li ma jistgħux ilaħħqu mal-ħajja għax il-prezzijiet ta' ħafna oġġetti essenzjali għolew; jista' jkun li fil-pajjiż qed tiżdied id-differenza bejn is-sinjuri u l-foqra.
- Xi nies ibatu l-faqar għax tort tagħhom. Taqbel?
  - Iva: rikibhom l-għażż; ma jridux itejbu l-kondizzjoni billi jmorru korsijiet apposta; jippreferu jiddependu mill-karità jew mis-servizzi soċjali.
  - Le: ċirkostanzi f'ħajjithom iwassluhom għal dan l-istat; il-livell ta' edukazzjoni ma jgħinhomx biex javvanzaw; dejjem għexu f'ambjent ta' faqar; problemi ta' mard fit-tul.
- X'għajnuna joffri l-pajjiż biex jittaffa l-faqar? Akkomodazzjoni soċjali; servizzi soċjali bħal *children's allowance* ogħla għal familji kbar; ikliet u kċejjen għal nies foqra.
- Kif jista' jittaffa l-faqar? L-edukazzjoni tul il-ħajja; tagħlim fuq il-valur tax-xogħol; l-importanza tan-nuqqas ta' illitteriżmu.
- Għal xiex taħseb li jista' jwassal il-faqar?
  - reati diversi bħal serq u qtil;
  - tbatija psikoloġika;
  - tbatija fiżika;
  - għira;
  - vizzji...
- Taħseb li jeżistu tipi differenti ta' faqar? Semmi xi wħud minnhom: faqar materjali, faqar intellettwali, faqar tal-valuri, vizzji differenti, faqar relattiv...
- Il-faqar jista' jiġi eliminat għalkollox? Għaliex?

5. **Il-problema tad-droga f'pajjiżna**

- Taħseb li din il-problema hi tassew reali f'pajjiżna jew taħseb li qed inkabbruha wisq? Xi jġiegħlek taħseb hekk?
- Taħseb li jeżistu postijiet partikolari li minnhom tista' tkun akkwistata d-droga jew fejn wieħed jista' jaqa' għaliha? Jekk iva, tista' ssemmi xi wħud minnhom? Xi postijiet tad-divertiment; bars; avvenimenti tal-massa; viċin l-iskejjel.
- Taħseb li hemm persuni li huma suġġetti aktar għad-droga? Fqar jew sinjuri? Familji mfarrka? Minn kull klassi tas-soċjetà?
- X'inhuma l-kawżi li jistgħu jwasslu l-aktar għad-droga?
  - nuqqas ta' mħabba;
  - stima baxxa tagħna nfusna;
  - dixxiplina esaġerata d-dar;
  - libertinaġġ;
  - kumpanija ħażina;
  - esperimentazzjoni ta' affarijiet ġodda.

- Minn fejn taħseb li tiġi d-droga u min iforniha? Taħseb li jeżistu kontrolli biżżejjed biex irażżnu dan il-vizzju?
- X'passi għandhom jittieħdu kontra min jinqabad bid-droga? Piena ħarxa l-ħabs? Twissija? Xogħol komunitarju? Programm terapewtiku?
- Taqbel li d-droga għandha tkun legalizzata? Jekk iva, kif u għal min? Id-droga bħala terapija jew mezz ta' fejqan għall-użu personali. Taħseb li dan jista' jwassal għall-abbuż?
- Hemm diversi programmi ta' fejqan jew terapija mid-droga. Taf issemmi xi wħud minnhom? San Blas, it-taqsima Yours (l-Imtaħleb u Baħar iċ-Ċagħaq); l-Aġenzija Appoġġ, id-Detox Centre, il-komunità Santa Marija f'Ħal Farruġ.
- Kif tista' tonqos il-problema tad-droga f'pajjiżna? Edukazzjoni ta' prevenzjoni miċ-ċokon; informazzjoni kontinwa; tagħlim għall-ġenituri.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 16 ta' April 2018 |

## KARTA GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

**Il-kampanji għall-ġbir ta' flus f'Malta**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 16 ta' April 2018 |

## KARTA GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

**L-użu tal-Facebook fost il-Maltin: bżonjuż, ħela ta' ħin jew abbużiv?**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 16 ta' April 2018 |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

**Il-ħarsien tar-regolamenti tas-sewqan fost il-Maltin**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 16 ta' April 2018 |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

**Il-Faqar f'pajjiżna: kemm hu reali?**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 16 ta' April 2018 |

## KARTA GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

**Il-problema tad-droga f'pajjiżna**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 17 ta' April 2018 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex il-kandidati jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw **TLIET** temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu **WAĦDA** minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mas-suġġett **(Total: 4 marki)**

N.B.: L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. L-Espressjoni

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza **(Total: 6 marki)**

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-kandidati jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

1. **Il-problema tal-vjolenza domestika f'Malta**

- X'tifhem bi vjolenza domestika?
- X'forom ta' vjolenza domestika jistgħu jeżistu?
- vjolenza fiżika;
- vjolenza psikoloġika;
- vjolenza ekonomika;
- vjolenza spiritwali;
- vjolenza soċjali.
- L-iktar waħda evidenti hija l-vjolenza fiżika. Għaliex il-vjolenza psikoloġika u emozzjonali tista' tkun gravi xorta u xi drabi iktar serja?
- Min jista' jsofri minn vjolenza domestika? Fqar jew sinjuri? Nisa jew irġiel? Tfal jew kbar? Jew ma taħsibx li hemm distinzjoni?
- Hemm l-idea ġenerali li n-nisa jsofru iktar minn vjolenza domestika mill-irġiel? Taħseb li dan huwa veru? Għaliex?
- Taħseb li hawn irġiel li jsofru minn vjolenza domestika? Jekk iva, x'tip ta' vjolenza jsofru?
- Taħseb li l-mara hi protetta aktar mis-soċjetà mill-irġiel? Għaliex?
- X'għandu jagħmel individwu li jsofri vjolenza domestika? Jitlob l-għajnuna, ifittex il-pulizija u f'każijiet ta' persistenza jiftaħ kawża ta' separazzjoni jew annullament jew divorzju.
- Il-pjaga tal-vjolenza domestika ser tkun indirizzata permezz ta' liġi li fost oħrajn se tipprovdi biex il-vittma tibqa' tgħix id-dar u minflok jinħareġ l-aggressur. Taqbel ma' din il-liġi? Għaliex?
- X'għajnuna hawn biex tgħin lil dawk li jsofru minn vjolenza domestika? Dar Merħba Bik, Aġenzija Appoġġ, Victim Support Group, il-Qorti tal-Familja.
- X'effett tħalli fuq it-tfal il-vjolenza domestika?
- Taħseb li s-swat bħala dixxiplina hu forma ta' vjolenza domestika?

2. **Il-libertà tal-espressjoni tal-ġurnali u s-siti tal-aħbarijiet f'Malta**

- X'tifhem b'libertà tal-espressjoni? Kif taħseb li dan l-aspett hu relatat mal-ġurnali jew is-siti tal-aħbarijiet?
- Taħseb li f'Malta hawn biżżejjed libertà tal-espressjoni fil-ġurnali u fis-siti tal-aħbarijiet? Għaliex?
- Sa fejn taħseb li għandhom jaslu l-kummenti tal-ġurnalisti? Taħseb li għandhom dritt jgħaddu kummenti kif iridu?
- Għaliex wieħed jagħmel libell?
- Il-kummenti li jidhru fuq siti elettroniċi x'akatrx li jkunu iktar ibsin jew insolenti. X'taħseb li huma r-raġunijiet għal dan? Wieħed jaħseb li l-kummenti jibqgħu għaddejjin; iħossu liberu li jikteb li jrid; bħala forma ta' ritaljazzjoni.
- X'jidhirlek mill-kummenti tal-qarrejja fuq l-aħbarijiet li jidhru fuq siti elettroniċi? Taħseb li jkunu tajbin jew inkella sensiela ta' kummenti partiġġjani jew mimlijin tgħajjir?
- X'effett iħallu l-ġurnali fuq l-opinjonijiet tan-nies?
- Ftit, li xejn għax ħafna nies ftit jagħtu kashom;
- Ħafna, għax hemm min jieħu l-kummenti bħala vanġelu; hemm iċ-ċans li aħbarijiet jew kummenti jaslu malajr għand in-nies.
- Taħseb li l-mod kif jitwasslu l-aħbarijiet ikun dejjem ġust mal-qarrej jew is-semmiegħ? Jista' jkun hemm abbuż f'forma ta' ħasil il-moħħ?
- X'taħseb dwar il-livell tal-lingwa użat f'dawn fil-ġurnali u fis-siti tal-aħbarijiet? Tista' tagħti xi eżempji?

3. **In-Nisa f'karigi ta' tmexxija jew ta' responsabiltà**

- Taħseb li n-nisa qed jingħataw ċans biżżejjed biex ikollhom karigi ta' responsabiltà?
- Xinhi r-raġuni li għad hemm ħafna iktar irġiel milli nisa f'karigi ta' responsabiltà? In-nisa għadhom jitqiesu inferjuri għall-irġiel; m'hawnx nisa biżżejjed ikkwalifikati; fuqhom jaqa' iktar il-piż tat-trobbija tat-tfal; jibżgħu jerfgħu piżijiet għolja ta' responsabiltà; il-problema tal-maternità.
- Mill-università qed jiggradwaw aktar nisa milli rġiel. Għaliex bosta karigi għoljin għadhom okkupati iktar mill-irġiel? Jista' jkun minħabba t-tip ta' korsijiet li jagħżlu?
- X'qed isir biex aktar nisa jingħataw karigi importanti? Il-partiti politiċi qed jaqsmu b'mod ugwali l-karigi fl-eżekuttiv; jingħataw *leave* speċjali; iktar servizzi ta' *child-care centres*.
- X'jista' jsir iktar biex nisa jidħlu f'karigi għolja? Ħinijiet ta' xogħol iktar flessibbli; *leave* speċjali biex jispeċjalizzaw f'diversi oqsma ta' tmexxija; l-irġiel jieħdu rwol ikbar fit-trobbija tat-tfal.
- Taqbel li ċerti karigi jew impjiegi għandhom jingħataw skont is-sess tal-persuna?
- Taqbel li fil-parlament in-numru ta' deputati jinqasam b'mod ugwali bejn nisa u rġiel billi tinħadem sistema ta' kwota fl-elezzjonijiet? Għaliex? Taħseb li dan jista' jkollu xi riperkussjonijiet?
- Taħseb li hemm karigi aktar addattati għan-nisa milli għall-irġiel jew inkella m'hemmx differenza?
- Taħseb li l-irġiel huma aktar ambizzjużi min-nisa? Għaliex?
- Fil-familja għadha teżisti l-idea li r-raġel hu l-kap tal-familja u li finalment hu għandu jiddeċiedi? Kif taħseb li għandu jkun ir-rwol tal-mara u tar-raġel fiż-żwieġ?

4. **It-Trasport Pubbliku f'Malta – progress jew rigress?**

- X'jidhirlek mis-servizz tat-trasport pubbliku f'Malta?
- Taħseb li l-bidla fil-karozzi żiedet l-effiċjenza fit-trasport pubbliku?
  - Iva: żdiedu r-rotot; karozzi li ma jniġġsux l-arja u bl-arja kondizzjonata; karozzi akbar, b'aktar faċilitajiet għall-anzjani u għal nisa bit-trabi;
  - Le: mhux dejjem puntwali; m'hemmx biżżejjed karozzi; xi rotot mhux moqdija tajjeb; it-traffiku baqa' problema biex il-karozzi jaslu fil-ħin.
- X'jinkoraġġixxi lin-nies biex jużaw it-trasport pubbliku? Ftit hawn postijiet fejn wieħed jipparkja; wieħed jiddejjaq isuq f'ħafna traffiku; għall-Belt Valletta wieħed jaqbillu aktar; hemm rotot tajbin li jgħaqqdu diversi rħula.
- Għaliex taħseb li n-nies ma jużawx it-trasport pubbliku? Ħafna drabi l-karozzi mhumiex puntwali; jintilef ħafna ħin; xi rotot mhumiex spissi; l-imġiba ħażina ta' xi xufiera; xi drabi jiġrilhom il-ħsara f'nofs vjaġġ.
- X'inhuma l-inċentivi biex wieħed juża tal-linja? Taħseb li huma tajbin biżżejjed? Rati speċjali għall-anzjani u għall-istudenti; rata speċjali għal numru ta' vjaġġi għat-turisti; studenti ta' tmintax-il sena ma jħallsux. Taħseb li dawn l-inċentivi huma biżżejjed?
- Taħseb li n-noll tal-karozzi tal-linja huwa għoli wisq?
- Taħseb li hemm xi mezzi alternattivi ta' trasport biex jonqos l-użu tal-karozzi privati fit-toroq u jitjieb is-servizz tat-trasport pubbliku?
  - *Underground*;
  - laneċ għal postijiet ħdejn il-baħar;
  - faċilitajiet aħjar għall-użu tar-roti;
  - iktar toroq wesgħin u *flyovers*.

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna***

- Taħseb li l-imġiba tax-xufiera tista' tnaffar lil xi persuni milli jużaw it-trasport pubbliku?
- Taħseb li l-*bus shelters* li hawn huma addattati u komdi biżżejjed għal pajjiżna?
- X'taħseb li jista' jsir aktar biex iżjed persuni jitħajru jużaw it-trasport pubbliku milli l-karozza tagħhom?

5. **L-Istabbilimenti kbar tax-xiri**

- X'jidhirlek mill-istabbilimenti kbar tax-xiri li qed jiftħu f'Malta? Taħseb li hawn tassew bżonnhom?
- X'inhuma l-vantaġġi tagħhom? Issib kollox f'post wieħed; għandek għażla kbira; issib dejjem dak li jkollok bżonn; iservu ta' ħarġa għall-familja.
- X'inhuma l-iżvantaġġi? Ħafna xiri u nfiq żejjed; prezzijiet xi drabi mhux daqshekk irħas; jagħtu idea ta' ħajja mgħaġġla; diffikultajiet għal min hu anzjan.
- X'taħseb li huma l-effetti ta' dawn l-istabbilimenti fuq il-konsumatur? Tikber il-kultura tax-xiri, tal-kapriċċi, tal-konsumeriżmu. Forsi jagħtuh status soċjali għoli?
- Taħseb li dawn l-istabbilimenti qed 'joqtlu' lill-ħwienet iż-żgħar? Għaliex?
- Taħseb li għad hawn nies li jixtru ftit ftit skont il-ħtieġa ta' kuljum mingħand il-ħanut tal-merċa? Jekk iva, min taħseb li jagħmel hekk l-aktar?
- Dan l-aħħar qed jiftħu xi ħwienet magħrufin bħala *Convenience Shops*. Għaliex taħseb li qed jiftħu dawn il-ħwienet meta għandna bosta stabbilimenti kbar? X'vantaġġi joffru dawn il-ħwienet?
- Taqbel li l-istabbilimenti l-kbar għandhom jiftħu wkoll matul il-lejl?
- Il-livell ta' dawn l-istabbilimenti taħseb li hu għoli? Taħseb li jħabbtuha ma' ta' barra?
- Kif taħseb li nistgħu nikkontrollaw ix-xiri li nagħmlu minn dawn l-istabbilimenti? Nixtru għall-bżonn biss; nagħmlu lista tal-affarijiet li neħtieġu; napprofittaw ruħna miż-żmien ta' roħs fil-prezzijiet.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 17 ta' April 2018 |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

**Il-problema tal-vjolenza domestika f'Malta**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 17 ta' April 2018 |

## KARTA GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

**Il-libertà tal-espressjoni tal-ġurnali u s-siti tal-aħbarijiet f'Malta**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 17 ta' April 2018 |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

**In-nisa f'karigi ta' tmexxija jew ta' responsabiltà**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 17 ta' April 2018 |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

**It-trasport pubbliku f'Malta – progress jew rigress?**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 17 ta' April 2018 |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

**L-istabbilimenti kbar tax-xiri**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 18 ta' April 2018 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex il-kandidati jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw **TLIET** temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu **WAĦDA** minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mas-suġġett **(Total: 4 marki)**

N.B.: L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. L-Espressjoni

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza **(Total: 6 marki)**

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-kandidati jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

1. **L-ismijiet tat-trabi**

- X'taħseb li huma r-raġunijiet li minħabba fihom il-ġenituri jagħżlu isem u mhux ieħor għal uliedhom?
- Naraw xejriet differenti fl-ismijiet tat-trabi: ismijiet bil-Malti (bħal Xandru u Ċensa), ismijiet barranin mill-Ingliż u mit-Taljan (bħal Luke, Matteo, Rachel u Elena). X'taħseb dwar dawn ix-xejriet?
- X'jidhirlek mill-ismijiet il-ġodda li qed jingħataw lil bosta trabi? Ġieli jkunu ispirati mill-ismijiet ta' nies famużi mid-dinja tal-isport u l-ispettaklu.
- Xi drabi l-ismijiet ikunu maħluqa mill-ġenituri stess, ngħidu aħna billi jaqbdu biċċa minn isem il-missier u jgħaqqduha ma' biċċa minn isem l-omm. Taqbel ma' dawn l-ismijiet ivvintati? Għaliex?
- Dari ta' spiss kienu jsemmu lil uliedhom għall-ġenituri jew in-nanniet tagħhom jew għall-qaddis tar-raħal. Taqbel ma' din id-drawwa? Għaliex?
- Xi snin ilu l-awtur Trevor Żahra sostna li "wasal iż-żmien li l-istat jara x'jagħmel biex jipproteġi lit-tfal mir-redikolaġni ta' ismijiet." Qal li l-ġenituri jsallbu lil uliedhom għal għomorhom b'ismijiet strambi ħafna, u li "ma nistgħux inħallu lit-tfal, sa minn twelidhom, jiġu abbużati b'dan il-mod." X'taħseb dwar dan il-kumment ta' Żahra? Għandu raġun jew qed jesaġera meta l-għażla ta' ismijiet bħal dawn iqisha abbuż?
- Taħseb li isem ta' persuna jista' jkun kawża ta' bbuljar fl-iskola jew fuq il-post tax-xogħol? Kif?
- Għadd ta' pajjiżi, bħall-Ġermanja, l-Iżvezja, iċ-Ċina u l-Ġappun, għandhom regoli fuq l-ismijiet li jistgħu jingħataw lit-trabi. Dawn ir-regoli huma maħsuba biex jipproteġu lit-tfal minn ismijiet offensivi jew imbarazzanti. Taqbel ma' regoli bħal dawn jew taħseb li l-ġenituri għandu jkollhom id-dritt li jsemmu lit-tarbija l-isem li jridu?
- L-Iżlanda l-ġenituri jistgħu jagħżlu isem uliedhom minn lista ta' madwar 1800 isem għas-subien u 1800 isem għall-bniet. Lista bħal din tagħmel sens jew hi ndħil żejjed?
- Taħseb li l-għażla tal-isem tat-tarbija tista' tkun kawża ta' argumenti bejn il-koppja? Għaliex jista' jiġri dan?
- Taħseb li persuna għandu jkollha d-dritt li tibdel isimha meta tikber? Għaliex?

2. **Il-flus huma mezz, u mhux skop fihom infushom**

- Taħseb li l-flus weħidhom jagħmluna kuntenti? Għaliex?
- Taqbel li t-tfal ikollhom karus biex iġemmgħu ftit kuljum fih? Għaliex?
- Kif nistgħu ngħallmu lit-tfal kif ma jħobbux il-flus iżżejjed?
- Daħlet id-drawwa li bħala rigal nagħtu flus, saħansitra anke lit-tfal. Taqbel ma' din id-drawwa? Fil-każi kollha (pereżempju f'tiġijiet, lil ħbiebna, eċċ.)?
- X'inhu l-isbaħ, li tagħti rigal jew li tirċevih?
- Kieku kellek tirbaħ somma kbira ta' flus, taħseb li tħoss ix-xewqa li tagħmel għotja sabiħa minnhom lil min għandu tassew bżonn?
- Ġieli smajt b'xi qawl relatat mal-flus? Tista' tgħidhuli u tgħidli jekk taqbilx miegħu?
  - Bla flus, la tgħannaq u lanqas tbus.
  - Bil-flus tagħmel triq fil-baħar.
- Taħseb li maż-żmien, aktar ma tikber l-importanza tat-teknoloġija, aktar se jonqos il-bżonn li nużaw flus f'għamla ta' muniti jew karti?
- Hemm min jemmen li l-flus huma l-għajn ta' kull ħażen. Taqbel ma' dan? Għaliex?
- Taqbel mal-mentalità li daħlet dwar self ta' flus prattikament għal kollox, saħansitra biex nixtru l-aktar mowbajl sofistikat jew biex insiefru? Għaliex?

3. **Il-problema tal-iskart**

- Malta, flimkien mar-Rumanija, għandha l-ogħla rata ta' skart li jispiċċa f'miżbla. 87% tal-iskart kollu f'Malta jispiċċa f'miżbla. Xi jfisser dan? Għaliex taħseb li jiġri hekk?
- Pajjiżna għandu wkoll waħda mill-inqas rati fl-Unjoni Ewropea ta' skart li jiġi rriċiklat (9% biss). F'pajjiżi bħall-Ġermanja u s-Slovenja jiġi rriċiklat madwar 50% tal-iskart kollu.
- X'taħseb li jista' jsir biex nirriċiklaw aktar?
- X'inhuma l-benefiċċji jekk nirriċiklaw aktar?
- Taħseb li l-mentalità ta' żmienna "Aqbad u armi u ixtri l-ġdid" qed tikkontribwixxi biex ikun hawn aktar ħmieġ u skart fil-pajjiż? Għaliex?
- Ta' spiss nisimgħu min jgħid li l-Maltin huma poplu li jżomm daru nadifa tazza iżda jħammeġ bl-addoċċ barra. Taħseb li din l-istqarrija hija ġustifikata? Għaliex?
- Kemm taħseb li l-poplu Malti huwa poplu konxju tal-indafa madwaru?
- Taħseb li s-siti ta' bini huma sors ewlieni li jiġġenera ħafna skart? Għaliex u kif?
- Taħseb li l-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart huma tajbin u prattiċi?
- Taħseb li s-servizz tal-iskart goff (*bulky refuse*) fil-lokal fejn toqgħod huwa effettiv u organizzat sew? Taħseb li r-residenti jagħmlu użu minnu?
- Is-sistema tas-separazzjoni tal-iskart f'pajjiżna hija effettiva? Il-poplu huwa mgħarraf biżżejjed dwar is-separazzjoni tal-iskart? X'jista' jsir aktar f'dan il-qasam?
- Taħseb li l-ħmieġ u l-iskart fit-toroq, fil-kampanja u fil-baħar qed jonqos jew jiżdied kulma jgħaddi ż-żmien? Xi jġiegħlek taħseb hekk?
- Taħseb li jeżistu multi ħorox biżżejjed għal min jinqabad jarmi l-iskart barra?
- L-introduzzjoni tal-gwardjani li jieħdu ħsieb l-ambjent kienet effettiva biżżejjed? Għaliex?

4. **L-industrija tal-bini**

- M'għandniex nibnu bl-addoċċ u fejn irridu, imma b'ordni u sens komun. Taqbel ma' din l-istqarrija jew taħseb li b'dan il-mod qed jitnaqqsu xi drittijiet tagħna?
- X'konsegwenzi jistgħu jinħolqu jekk ma noqogħdux attenti kif, kemm u fejn nibnu?
- Aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar qed tiżdied il-popolazzjoni f'Malta. Taħseb li dan il-fattur qed ikollu influwenza fuq l-industrija tal-bini? Kif?
- Taħseb li jeżistu soluzzjonijiet biex nipproteġu l-ftit spazju li għad fadlilna f'pajjiżna?
  - il-bini għoli;
  - il-bini ta' appartamenti minflok djar;
  - l-użu tad-djar vojta.
- Għandu dritt il-Gvern jieħu d-djar vojta biex jagħtihom lil dawk li qed ifittxu post fejn joqogħdu jew biex jibni djar għall-anzjani?
- Hawn ħafna li qed iwaqqgħu d-dar biex minflokha jibnu blokk appartamenti biex jikruhom. X'taħseb li jfisser dan?
- Taħseb li għandna nwaqqgħu bini antik u storiku biex minfloku nibnu bini aktar modern u bi ħtiġijiet adattati għal żmienna?
- X'tippreferi, li tibni jew tikri dar/appartament? Għaliex? X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi?
- Taħseb li koppja żagħżugħa fi żmienna taffordja li tibni dar ġdida mingħajr ma tissallab?
- Taqbel li l-prezz ta' proprjetà simili għandu jkun differenti skont il-lokalità li tkun fiha?
- Għandek xi lokalità partikolari li tixtieq tmur toqgħod fiha? Għaliex?
- Taħseb li l-industrija tal-bini hija importanti ħafna għal pajjiżna? Għaliex?
- Ta' spiss nisimgħu b'inċidenti li jsiru fuq il-post ta' kostruzzjoni. Għaliex taħseb li jseħħu dawn l-inċidenti?

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna***

5. **Naqra l-ktieb jew nara l-film?**

- X'inhuma l-akbar vantaġġi tal-ktieb?
- Taħseb li l-ktieb jista' jkollu l-iżvantaġġi tiegħu? X'taħseb li huma u għaliex?
- Tista' ssemmi xi ktieb li laqtek l-aktar? Għaliex?
- X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-film?
- Tista' ssemmi xi film li impressjonak u li żgur tibqa' tiftakru? Għaliex?
- X'tippreferi, taqra l-ktieb u wara tarah film, jew bil-maqlub? Għaliex?
- Taħseb li l-ktieb u l-film ibbażat fuq l-istess ktieb jistgħu jikkumplimentaw lil xulxin jew itellfu lil xulxin?
- Taħseb li l-ambjent li tkun fih meta taqra l-ktieb jew tara l-film jinfluwenzak? Għaliex?
- X'taħseb li jiġi l-ewwel, il-film jew il-ktieb? Taħseb li huwa possibbli li jinkitbu kotba bbażati fuq films? – (Eżempju ta' dan huwa Star Wars)
- Taħseb li l-film irid ikollu xi teknika partikolari biex ikun film kbir? Taf tgħidli xi ħaġa dwar it-teknika tal-films?
- Taħseb li kull ktieb jista' jinħadem f'film? Għaliex?
- Taħseb li d-dehra fiżika tal-ktieb hija importanti? Għaliex?
- Taħseb li hemm differenzi fit-teknika u l-produzzjoni ta' films u kotba għall-kbar u għaż-żgħar? Tista' ssemmi xi ftit minnhom?
- Liema hu dak il-ġeneru ta' kotba/films li jogħġbok l-aktar? Għaliex?

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 18 ta' April 2018 |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

**L-ismijiet tat-trabi**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 18 ta' April 2018 |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

**Il-flus huma mezz, u mhux skop fihom infushom**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 18 ta' April 2018 |

## KARTA GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

**Il-problema tal-iskart**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 18 ta' April 2018 |

## KARTA GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

**L-industrija tal-bini**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 18 ta' April 2018 |

## KARTA GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

**Naqra l-ktieb jew nara l-film?**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 8 ta' Mejju 2018 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.

**TAQSIMA A: IL-KOMPONIMENT**

**Ikteb komponiment ta' bejn 550 u 600 kelma dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti. F'dan it-taħriġ trid turi l-kreattività u l-ħila tat-tifsir tal-ħsieb bl-ordni, b'mod ċar, u bi stil idjomatiku.**

1. Il-films ibiddlu l-valuri tas-soċjetà.
2. L-allat tagħna
3. Iċ-ċertifikati akkademiċi huma l-kejl tas-suċċess. Taqbel?
4. Is-siwi tar-ritratti f'album
5. Il-mirakli tal-mediċina

**(Total: 15-il marka)**

**TAQSIMA B: TRADUZZJONI**

**Agħmel traduzzjoni xierqa ta' din is-silta:**

Researchers from Queen's University Belfast have discovered that the first people to inhabit Malta arrived 700 years earlier than history books indicate. Through analysis of ancient soils, the researchers have found that the first inhabitants arrived about 5,900 BC. DNA analysis revealed they came from different parts of the Mediterranean and Europe, including Africa. The first inhabitants of our islands were robust and healthy and survived harsh climate conditions. The researchers also found that a second colonisation arrived in 3,850 BC from Sicily and lasted an extraordinary 1,500 years in Malta without a break. This sort of settlement stability is impressive and unheard of in Europe.

*(Addattata minn 700 years added to Malta's history - 'https://www.timesofmalta.com)*

**(Total: 5 marki)**

**TAQSIMA Ċ: IL-LINGWISTIKA MALTIJA**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA:**

1. Fil-Malti l-qofol tat-tiswir morfoloġiku huwa bażikament imsejjes fuq l-għeruq Semitiċi u z-zkuk morfemiċi Rumanzi. Barra dawn ma jonqsux ukoll proċessi ta' formazzjoni u tiswir oħra. Iddiskuti b'eżempji xierqa mill-ilsien Malti.

2. Il-bilingwiżmu f'Malta m'għandux jispiċċa fi 'ġlieda' bejn iż-żewġ lingwi uffiċjali. Iż-żewġ lingwi neħtiġuhom biex jaqduna f'kuntesti differenti. Ikkummenta u agħti eżempji ta' kif il-bilingwiżmu jista' jkun ta' fejda.

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II |
| DATA: | 12 ta' Mejju 2018 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Kull tweġiba għandha tkun twila bejn 500 u 600 kelma.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.

**TAQSIMA A: IL-POEŻIJA TAS-SEKLU XX**

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet. Irreferi għal poeti u poeżiji magħżula b'mod bilanċjat mis-seklu għoxrin kollu.**

1. Il-poeti Maltin jirriflettu, permezz tal-għodod li toffri l-poeżija, fuq ir-relazzjonijiet kumplessi li jinħolqu bejn il-bnedmin. Ikkummenta.

2. Waqt li l-poeti Romantiċi Maltin jinqdew bil-mekkaniżmi li toffrilhom l-arti tal-poeżija biex isawru l-idea tagħhom tan-nazzjon Malti, il-poeti Moderni jikkummentaw permezz tal-poeżija fuq kemm il-Maltin mhumiex jirrispettaw din il-viżjoni Romantika tan-nazzjon. Ikkummenta.

**(Total: 10 marki)**

**TAQSIMA B: MONOGRAFIJI POETIĊI**

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet.**

1. Maria Grech Ganado tinqeda bir-riżorsi stilistiċi li toffri l-poeżija biex tirrakkonta l-esperjenzi kkumplikati tar-relazzjonijiet ta' mħabba, ix-xewqat u d-diżappunti, il-fedeltà u t-tradimenti. Iddiskuti.

2. Fin-natura li toħloq bil-poeżija tagħha, Maria Grech Ganado tara ħafna minn dak li jgħixu jew ifittxu l-bnedmin f'ħajjithom. Iddiskuti.

3. Ikteb dwar ix-xbihat ewlenin li jinqeda bihom Pawlu Aquilina fil-poeżija tiegħu u l-effetti li joħolqu.

4. Fil-poeżija ta' Pawlu Aquilina hemm tensjoni bejn id-dinja kif jixtieqha tkun il-poeta u dinja ġdida li hu ma jaqbilx magħha. Tkellem dwar kif tinħoloq din it-tensjoni f'dawn il-poeżiji.

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ: IL-KRITIKA LETTERARJA (POEŻIJA)**

**Agħżel WAĦDA minn dawn iż-żewġ poeżiji.**

**Agħmel stħarriġ kritiku fit-tul u bir-reqqa tal-poeżija li tagħżel, skont ix-xejriet tematiċi u stilistiċi tagħha. Analizza l-poeżija fiha nfisha bħala xogħol sħiħ, daqskemm biċċa biċċa bħala ġabra ta' elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Agħti importanza ewlenija lill-unità tal-poeżija, lill-metrika, lit-tqassim tal-istrofi, lix-xejriet tal-frażjoloġija, lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, fosthom il-metafori, u lill-għażla tal-kliem.**

1.

**Passaġġ**

It-tarf kont qed narah minn meta tlaqna,
u mxejna t-tnejn u t-tnejn ma kellniex nagħżlu,
u ma stajniex, u ma ridniex ħlief naslu.
Kont naf li din se tkun ir-rabta tagħna,
u mħabbti ma riditx li int tintebaħ,
u gidbet għax ħallietek tibqa' temmen.

Imm'issa mħabbti
waqgħetlek fuq riġlejk u tgerbet 'l isfel,
u int, jaħasra, wkoll, indunajt b'kollox
u tista' tara x-xifer, tista' ssaqsi,
se tibda ma temminx u trid tmur lura.
Beda l-mument li qatt mhu se jispiċċa.

John Aquilina
(mill-ktieb *Leħnek il-Libsa Tiegħi* – 2010)

**JEW**

2.

**Fil-Fruntieri ta' Bliet Strangieri**

Fil-fruntieri ta' bliet stranġieri
u taħt il-ponot tal-katidrali qodma
in-nies
tipprova tagħraf l-unika triq li jkun baqa' mixgħula
li mbagħad
dlonk tegħreq fid-dlam hi wkoll.
Kull kelma teħel mas-saqaf tal-ħalq
u ma titlissinx.
Kull ħarsa għamja, ma tilmaħ xejn.

Mill-bogħod tasal it-tisfira fgata
tal-ferrovija twila
bil-vaguni mimlijin suspetti
u rkiekel tal-għadam.
Bir-ritmu kiebi miexja fid-dalma
tal-funeral tal-vjaġġaturi:
Xbihat tat-tafal bilqiegħda ħdejn xulxin.

Mario Azzopardi
(mill-ktieb *Epistoli mid-Deżert. Poeżiji u Poesaġġi* – 2014)

**(Total: 10 marki)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | III |
| DATA: | 12 ta' Mejju 2018 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Kull tweġiba għandha tkun twila bejn 500 u 600 kelma.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Wieġeb kull mistoqsija b'rabta sħiħa mat-test.

## TAQSIMA A: ID-DRAMA

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet:**

1. *Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* ta' Alfred Sant huwa dramm li jistħarreġ il-mezzi li bihom kull żvilupp jista' jkun tajjeb jew jista' jkun ħażin. Id-dramm huwa mezz prattiku biex isseħħ diskussjoni pubblika. Iddiskuti b'rabta mal-kliem tal-karattri matul id-dramm.

2. F'*Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* Alfred Sant irid juri li l-politika hi dibattitu kontinwu li jinvolvi argumenti, għażliet u deċiżjonijiet. Il-kuntrasti bejn karattri differenti huma l-mezzi li bihom l-awtur juri li kull pass politiku huwa mibni fuq ħsieb. Iddiskuti d-dramm billi tirreferi għall-ħsieb ta' karattri differenti.

3. Francis Ebejer jibni d-dramm tiegħu *Menz* fuq żewġ xejriet li jidhru opposti għal xulxin fi ħdan il-kuxjenza tal-protagonista: il-qawwa tal-konvinzjoni tiegħu fuq naħa, u l-karattru magħluq, ġwejjed, fuq in-naħa l-oħra. Iddiskuti l-karattru ta' Menz fid-dawl ta' dan il-kuntrast tipiku tiegħu.

4. Id-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer juri kif wieħed mill-aqwa valuri tal-bniedem huwa l-libertà. Id-dramm kollu huwa espressjoni ta' din il-mixja twila fil-kuxjenza tal-persunaġġ ewlieni. Uri dan b'rabta mat-test.

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA B: IN-NARRATTIVA**

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet:**

1. Lino Spiteri jinqeda bl-esperjenza tiegħu biex fi ktieb bħal *Ħala taż-Żgħożija u Stejjer Oħra* joffri realtà li l-qarrejja huma mistennija janalizzawha. Iddiskuti dan billi tapplika din il-konklużjoni għal eżempji misjuba fl-istejjer.

2. F'kull rakkont ta' *Ħala taż-Żgħożija u Stejjer Oħra* Lino Spiteri jibni kollox fuq persunaġġ ċentrali u fuq ir-relazzjoni tiegħu mal-persunaġġi l-oħrajn. Iddiskuti b'rabta mal-istejjer tiegħu.

3. F'*Leli ta' Ħaż-Żgħir* omm Leli mhix il-protagonista, iżda jista' jingħad li l-influwenza tagħha tinħass matul ir-rakkont kollu. Iddiskuti r-rumanz bħala eżempju tal-qima ta' Ġużè Ellul Mercer innifsu lejn ommu.

4. Ġużè Ellul Mercer, l-awtur ta' *Leli ta' Ħaż-Żgħir*, jikkritika lil pajjiżu sewwasew għaliex iħobbu ħafna. Iddiskuti b'rabta mat-test b'liema modi r-rumanz juri din l-imħabba kif ukoll din il-kritika minsuġin flimkien.

**(Total: 10 marki)**

**TAQSIMA Ċ: IL-KRITIKA LETTERARJA (PROŻA)**

**Agħmel analiżi kritika dettaljata ta' WAĦDA minn dawn iż-żewġ siltiet ta' proża.**

**F'dan it-taħriġ tagħmilx taqsira tas-silta magħżula. Is-silta ta' proża trid tistħarriġha fiha nfisha skont il-binja tagħha – narrattiva, deskrittiva, riflessiva, jew il-bqija – daqskemm bħala l-ġabra tal-elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Agħti importanza ewlenija lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, lill-binja sintattika tas-sentenzi, lit-tonalità, lir-ritmu li fiha, lill-għażla tal-kliem, u lil kulma jirrendiha letterarja.**

1.

Kien jum id-Duluri, jum li fih tradizzjonalment is-sħab baxx ikun jiksi s-sema. Temp li hemm min jgħid li jqabbdu wġigħ ta' ras u hemm min, x'aktarx ta' xeħta reliġjuża, isostni li jixraq 'l-okkażjoni. Ix-xena li sabu ma' wiċċhom Karl u Bertu l-fotografu fi Triq il-Merkanti ma kienet xejn inqas kiebja mit-temp. Mara mkaħħla minn trakk tal-ġebel mal-ħajt tal-palazz antik. Bla ħajja. Id-dmija ċċarċar fuq il-bankina. In-nies tħares fil-ħemda u l-kuntistabbli tal-Pulizija bil-mod, kważi bla interess, joħloq l-ispazju għat-tabib li kien għadu kif wasal. Għarkupptejh quddiem il-vittma kien hemm ukoll qassis xwejjaħ igedwed xi talb.

Għal Karl kienet l-ewwel esperjenza ta' din ix-xorta. Filli fuq il-bank tal-iskola, frisk frisk mill-eżamijiet tal-aħħar, filli quddiem mara mejta f'qagħda li fakkritu ħafna fl-istatwa tal-Pietà ta' Michelangelo. Qatt ma kien jiflaħ jara d-demm. Issa ried jikteb dwaru u jiddeskrivih. Idu bdiet titriegħed waqt li beda jħażżeż xi noti bid-dettalji. Il-kuntistabbli kien mill-Belt ukoll, għaraf il-vittma u ma ddejjaqx jipprovdihom. Fl-istess ħin Bertu kien qed jiġbed ir-ritratti minn kull angolu. Għalih xejn ma kien ġdid. Kien ra agħar minn hekk. Kien hu, infatti, l-ewwel ma ndiehes mal-kuntistabbli biex Karl seta' jiġbor l-informazzjoni kollha.

Charles Flores
(minn *Arloġġ ta' Darba*)

**JEW**

2.

Fil-bogħod ċirku aħmar nar deher tiela' joqtor mill-baħar u jħalli bħal rubini leqqiena jilmaw fil-wiċċ. Nifed is-sema sewdieni b'xaqq dawl li bil-qajl il-qajl infirex ma' kullimkien fiż-żerniq ta' dik l-għodwa. Mill-bejta ġewwa siġra, għasfur mejjel rasu kull naħa, bexxaq munqaru u pespes tpespisa ċkejkna. Fi ġnien il-ward fetaħ il-petali waqt li l-musbieħ il-lejl tefa' dawlu sa ma tasal għaxija oħra. Fl-irziezet is-sriedak, il-ħabbara ta' għodwa ġdida, kienu ilhom li iddnu sbiħ il-jum, waqt li l-klieb mattru riġlejhom ta' quddiem u ttewbu titwiba twila. Dawl il-jum kien xeħet bħal vleġeġ ġewwa z-zkuk tas-siġar tal-ħarrub u qalb il-bajtar tax-xewk. Iċ-ċpar kien qed jitfarfar bil-mod minn fuq is-swar godlin tal-ibliet Maltin waqt li minn ħin għal ieħor bieb kien jinfetaħ bla ħoss u minnu tixref barra ħlejqa biex tibda ħidmitha. B'hekk, wara ftit ħin, il-ħajja bdiet tistejqer mir-raqda tal-lejl u tiftaħ għajnejha għall-bidu ta' jum ġdid.

Iżda bniedem bħal ħafna oħrajn kien diġà stenbaħ qabel dan kollu. Ma setax jorqod tul il-lejl u kien jixxennaq li jfittex iżernaq u jgħaddi dak il-jum. Kien bla sabar u ħass l-istonku mimli, għalkemm il-jum ta' qabel ftit kien teftef fl-ikel. Iżda l-attakk nervuż li kellu ma kienx iħallih f'sikktu. Kif lemaħ l-ewwel raġġ tax-xemx, ħareġ minn ġo soddtu u niżel jinħasel.

Salv Sammut
(minn *Fid-Dell tal-Pellikan*)

**(Total: 10 marki)**